C/2024/3407

29.5.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11573 — MORGAN STANLEY / TELE COLUMBUS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3407)

1. Fl-14 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Morgan Stanley Infrastructure, Inc. ("MSI", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn Morgan Stanley Group (l-Istati Uniti),

— Tele Columbus AG ("Tele Columbus", il-Ġermanja), attwalment ikkontrollata b'mod konġunt minn MSI u United Internet AG (il-Ġermanja).

MSI se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Tele Columbus.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— MSI tipprovdi servizzi finanzjarji, inklużi pariri dwar il-ġestjoni tal-assi u b'mod partikolari pariri dwar fondi li jinvestu f'assi infrastrutturali b'mod predominanti f'pajjiżi tal-OECD,

— Tele Columbus hija fornitur tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, b'mod partikolari bħala operatur indipendenti ta' networks tal-kejbil tal-broadband fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11573 — MORGAN STANLEY / TELE COLUMBUS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Jekk jogħġbok uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË